MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 34

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar ħa sehem f'laqgħa *online* permezz ta' *Microsoft Teams®* nhar il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021 fil-5.00 ta' filgħaxija. Din il-laqgħa, li kienet qed tixxandar ukoll *live* fuq il-*website* tal-Kunsill, saret b'dan il-mezz minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-imxija tal-virus COVID-19 u skont id-direttiva numru 7/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

D. Spiteri

Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

34.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

34.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier is-Sur Mark Busuttil informa lill-Kunsill li ser jingħaqqad għal din il-laqgħa ftit tard. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija u ġie skużat.

34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

34.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħat bin-numru 32 u 33 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

34.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

34.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

34.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

34.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li kellu laqgħa oħra mas-Supretendent tal-Pulizija, liema laqgħa qed issir kull xahar. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa huwa saħaq bl-importanza li tiżdied il-preżenza tal-Pulizija kif ukoll in-numru ta' Pulizija fix-Xlendi speċjalment wara l-aħħar aċċidenti li seħħew fejn tkissru diversi *windscreens* tal-karozzi kif ukoll bibien ta' residenzi. Is-Sindku qal li min-naħħa tagħhom il-Pulizija qed jinvestigaw il-problemi ta' karozzi abbandunati madwar ix-Xlendi li qed jokkupaw parkeġġi bżonnjużi ferm f'din il-bajja kif ukoll saħqu li l-pubbliku ġenerali għandu jagħmel rapport fl-għassa tal-pulizija immedjatament għal kull każ.

34.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li kellu laqgħa mal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu (MTA) dwar il-kwistjoni tal-imwejjed u siġġijiet tar-ristoranti hekk kif mitlub mis-Supretendent tal-Pulizija. Is-Sindku f'din

D. Spiteri

il-laqgħa spjega li bħala Kunsill m'aħniex kontra l-kummerċ iżda huwa importanti li l-pubbliku jkollu l-aċċess liberu biex iżur din il-bajja speċjalment ħdejn il-bankijiet pubbliċi. L-MTA qalu li anke dan is-Sajf, minħabba l-impatt negattiv li qed tħalli l-pandemija COVID-19, is-sidien tar-ristoranti ser ikunu qed jitħallew jokkupaw aktar spazzju biex tinżamm id-distanza soċjali. Is-Sindku qal li dwar din il-materja, il-Kunsill irċieva korrispondenza li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali daħlet f'arrangament mal-MTA sabiex dawk ir-ristoranti jew stabilimenti kummerċjali li ser ikunu qed jokkupaw aktar spazzju pubbliku, se jkunu qed japplikaw għall-permess mal-MTA u ssir konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali rispettivi.

34.3.3 Is-Sindku għarraf lill-membri tal-Kunsill li qed issir komunikazzjoni mal-awtoritajiet tas-saħħa sabiex jiġi determinat x'avvenimenti jistgħu jsiru fis-Sajf fix-Xlendi fosthom il-Fjakkolata Tradizzjonali u xi attivitajiet sportivi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

34.3.4 Is-Sindku informa lill-membri li ser jibda x-xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix ħażin madwar il-lokalita'. Huwa nforma lill-membri wkoll li l-qasab tal-Wied tax-Xlendi nqata' u ngħabar.

34.3.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex ġiet diskussa skema ġdida ta' finanzjament li ser tiġi varat għal-Libreriji fil-lokalitajiet rispettivi. Huwa qal li fil-każ tal-Kunsill tal-Munxar ser ikun possibbli li dawn il-fondi jiġu allokati anke biex isiru *outdoor libraries*. Kien hemm qbil mill-membri għal dan.

34.3.6 Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex jitqassam avviż lir-residenti kollha tal-Munxar u tax-Xlendi bl-iskeda l-ġdida tal-ġbir tal-iskart għax-xhur tas-Sajf. Flimkien ma' dan se jkun hemm avviż dwar il-ġurnata fejn ser jitqassmu l-affarijiet marbuta mal-proġett 'Water Be The Change', il-lista ta' skart li wieħed jista' jitfa' ġol-boroż differenti tal-iskart, u *flyer* bil-proġetti mwettqa mill-Kunsill fl-ewwel sitt xhur tas-sena. Huwa qal ukoll li ser jitqassmu l-boroż tal-iskart organiku. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

34.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

34.4.1 Il-Viċi Sindku Carmen Parnis ipproponiet sabiex jitranġa ħajt tal-kantun fi Triq Ras il-Bajjada li ser jaqa' wara li ħabat xi ħadd bil-vettura ġo fih. Kien hemm qbil dwar dan.

34.4.2 Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi staqsa dwar il-problema ta' karozzi abbandunati fix-Xlendi. Is-Sindku wieġeb li din il-problema qiegħda f'idejn il-Pulizija u hu ġie nfurmat li fil-jiem li ġejjin ser ikun qed iwaħħlu n-notifiki u eventwalment jitneħħew mit-toroq.

34.5 Proġett Pjazza tal-Knisja;

34.5.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, informa lill-membri li nstema' l-appell imressaq minn Prax Concrete Ltd quddiem il-*Public Contracts Review Board*. Dan il-bord ikkonkluda li l-oġġezzjoni ta' Prax Concrete Ltd mhix aċċettabbli u jaqbel mar-rakkommandazzjoni tal-Kunsill għall-għoti ta' dan il-kuntratt. Barra minn hekk il-bord iddeċieda wkoll li l-ispejjeż tal-appellant ma jiġux rimborżti. Għalhekk is-Sindku informa lill-membri li fi żmien għoxrin ġurnata, il-kuntratt jista' jiġi ffirmat mal-kuntrattur biex jinbeda x-xogħol.

34.6 Xogħlijiet ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi;

34.6.1 Is-Sindku informa lill-membri li s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' restawr u l-*interpretation centre* li ser isir fuq ġewwa tat-Torri tax-Xlendi ġiet ippubblikata u s-sottomissjonijiet għalqu fil-25 ta' Mejju 2021. Huwa qal li ltaqa' l-bord tal-evalwazzjoni hekk kif maħtur f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill u r-rapport se jkun qed jersaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill f'din il-laqgħa.

34.6.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill ġabar tlett kwotazzjonijiet għax-xogħol sabiex il-Kunsill jippromwovi dan il-proġett billi jsiru żewġ filmati qosra. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-orħos kwotazzjoni li sottomessa li tammonta għal €1,300 eskluż il-VAT. Kien hemm qbil mill-membri għal dan.

D Spiteri

34.7 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti:
MXR/02/2021 - Tender For The Restoration and Upgrading of the Interior of Xlendi Coastal Tower including ELV Systems;

34.7.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, iddikjara kunflitt ta' interess u reġa' tenna li għalkemm ir-relazzjoni familjari fir-rigward tal-*key expert* biss li ġie elenkat mil-kuntrattur fis-sejħa, ma titqiesx bħala parentela diretta tiegħu, xorta waħda mhux se jieħu sehem fid-diskussjoni għall-aġġudikazzjoni tas-sejħa.

34.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar il-25 ta' Mejju 2021. Kien hemm offerta waħda:
Sultech and Co - €87,614.07
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lil Sultech and Co li kien konformi mar-rekwiżiti.
Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat.

34.8 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

34.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Gozo Crafty Ladies, għaqda volontarja, li tixtieq tintroduċi l-proġett tagħhom "hugging trees" fix-Xlendi billi jsiru par idejn tan-*knitting* ma' siġar fix-Xlendi biex jipromwovu x-xogħol tagħhom. Kien hemm qbil mill-membri li jsiru sa massimu ta' tlieta.

34.8.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Heritage Malta sabiex l-Underwater Cultural Heritage Unit fi ħdan l-istess awtorita', ittella' wirja fotografika fuq barra fix-Xlendi bejn Ġunju 2022 u Lulju 2022 bħala parti minn konferenza internazzjonali li ser tiġi varat f'Malta f'April 2022. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

34.8.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Għaqda Għajn Tuta Kerċem sabiex il-Kunsill jibgħat *no objection* biex tingħalaq Triq il-Munxar u Triq ix-Xlendi nhar id-9 ta' Lulju 2021 biex issir wirja tan-nar fl-inħawi tas-Saqwi. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm ikun hemm il-permessi kollha mingħand l-awtoritajiet konċernati.

34.8.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex sabiex waqt il-laqgħa tal-Kunsill tiġi diskussa proposta li qed tressaq il-Gozo Tourism Association biex l-avviż li qed jinħareġ mill-Awtorita' tal-Ippjanar li ma jinħarġux permessi ta' skavar u twaqqiegħ f'ċerti żoni turistiċi bejn il-15 ta' Ġunju u l-aħħar ta' Settembru madwar Malta jiġi estiż ukoll għal Għawdex kollu.
Wara diskussjoni dwar dan mill-membri kien hemm qbil li x-Xlendi kollu għandu jkun inkluż f'dawn iż-żoni kif qiegħed fil-preżent iżda m'għandux japplika għal toroq jew inħawi oħra fil-Munxar.

34.8.5 Il-Kunsill irċieva applikazzjoni sabiex iħaddem studenta fix-xhur tas-Sajf għal massimu ta' tnax-il ġimgħa taħt l-iskema Work Exposure Scheme maħruġa minn jobsplus b'fondi ewropej. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill sabiex jieħdu din l-opportunita' u b'hekk tkun tista' tinfetaħ il-miħna sotterranja fix-Xlendi għall-pubbliku fix-xhur tas-Sajf.

34.8.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex li għandu l-ħsieb jorganizza wirja viżiva "on the road" fis-sena 2022 permezz ta' boards informattivi f'xi spazzji pubbliċi b'tagħrif dwar il-wirt tanġibbli u intanġibbli ta' kull belt u raħal. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jesprimi l-interess tiegħu.

34.8.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand MPS Ltd li hi responsabbli għat-tqassim tal-aġġeġġi marbuta mal-kampanja WATER – Be the change li varat l-aġenzija 'Energy and Water Agency' fi ħdan il-Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli. MPS Ltd infurmat lill-Kunsill li ser tkun qed tqassam dawn l-aġġeġġi nhar il-Ġimgħa 2 ta' Lulju 2021 fil-Pjazza tal-Knisja permezz ta' trakk speċjalizzat. Il-Kunsill innota dan.

34.8.8 Il-Kunsill irċieva talba għal *no objection* mingħand OTTERS ASC sabiex itellgħu l-avveniment SwimPolo Campaign fix-Xlendi bejn il-31 ta' Lulju 2021 u l-1 t'Awwissu 2021. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm ikun hemm il-permessi kollha mingħand l-awtoritajiet konċernati.

34.8.9 Il-Kunsill irċieva ittra irreġistrata mingħand l-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi sabiex tgħarraf lill-Kunsill bl-Avviż Legali 146 tal-2021 li jemenda ir-regolamenti dwar l-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill qed konformi ma' dan l-avviż legali li jistipola li

fil-lokalita' tal-Munxar għandu jkun hemm tal-anqas *bring-in-site* waħda.

34.8.10 Ċirkulari maħruġa mill-Ministeru għall-Agrikoltura, Is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali flimkien mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, L-Arti u L-Gvern Lokali – Skema 2021/2022 biex isir ingaġġ ta' Uffiċċjal tal-Komunita' "Steward" għat-trattament xieraq tal-annimali biex jaħdem fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.11 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali b'aġġornament dwar l-inizjattiva tal-WIFI4EU. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.12 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tan-Naħħala Malta dwar memorandum ta' ftehim dwar il-ħaxix selvaġġ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.13 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Dr Mario Saliba dwar il-pubblikazzjoni ta' ktieb ġdid tiegħu. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.14 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Gozo Action Group Foundation li The Malta Organic Agriculture Movement (MOAM) ippubblikat ktieb bl-isem 'Biedja Organika' miktub mis-Sur Mario Salerno li qed jirregala ktieb lil kull Kunsill Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.15 Ċirkulari SPI/APP/6/2021 – Emendi fil-Proċess għall-Amministrazzjoni ta' Proprjeta' Pubblika (Devoluzzjoni). Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.16 Ċirkulari Numru 5/2021 – Konsultazzjoni dwar Politika għall-Gvern Lokali 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.17 Ċirkulari Nru AKL 2021/043 – AKL Webinar – Innovative Localities: A place to bring ideas to life 16/06/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.18 Ċirkulari Nru AKL 2021/044 – SEM – Capacity Building Session Project Development 11/06/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.19 Ċirkulari Nru AKL 2021/045 – Communication with people with special needs – Mentor Aid Session 09/06/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.20 Ċirkulari Nru AKL 2021/046 –Cross-KIC New European Bauhaus (NEB) Call: Capitalising on existing public realm solutions. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.21 Ċirkulari Nru AKL 2021/047 – Kontroll tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil mill-membri sabiex jinħatar l-avukat Dr Jonathan Mintoff biex jipprepara l-*bye-law* hekk kif gwidati mill-avukat tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

34.8.22 Ċirkulari Nru AKL 2021/048 – Kunsill Nazzjonali taż-Żagħżagħ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.23 Ċirkulari Nru AKL 2021/049 – Active Ageing Application forms – UPDATED. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.24 Ċirkulari Nru AKL 2021/050 – Equalcity Toolbox Creating safe(r) spaces for LGBTQI+ people with migrant background – IOM Belgium. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.25 Ċirkulari Nru AKL 2021/051 – Permessi għall-armar ta' 'Big Screens' jew għal xi attivita' oħra. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.26 Ċirkulari Nru AKL 2021/052 – AKL Webinar – Social Field: Youth and Criminality 30/06/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.27 Ċirkulari Nru AKL 2021/053 – Together with refugees – share your messages for World Refugee Day – UNHCR Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.28 Ċirkulari Nru AKL 2021/054 – Servizz għall-Anzjani – Psychotherapy. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.29 Ċirkulari Nru AKL 2021/055 – World Blood Donor Day 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.30 Ċirkulari Nru AKL 2021/056 – Allotment Gardening Proposal – Community Gardening. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.31 Ċirkulari Nru AKL 2021/057 – Temporary and reversible permit whereby catering establishments will be allowed to use adjacent public space as an Outdoor Catering Area. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.32 Ċirkulari Nru AKL 2021/058 – Tnedija tal-Proġett sabiex jiġi kkontrollat il-ħamiem fil-lokalitajiet 25.06.2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.33 Ċirkulari Nru AKL 2021/059 – Proċess għall-Devoluzzjoni mill-Kunsilli Reġjonali/Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.34 Ċirkulari Nru AKL 2021/060 – EUROPEAN MOBILITY WEEK 2021 – Competitions. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.35 Ċirkulari Nru AKL 2021/061 – Well being 360. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.8.36 Ċirkulari Nru AKL 2021/062 – INVITATION – Online Stakeholder information session on the BELLUS Call for Projects. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.45pm - Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil ingħaqqad virtwalment fil-laqgħa tal-Kunsill.

34.8.37 Ilment 28/2021
Tilmenta dwar il-ħmieġ tal-ħamiem selvaġġ fuq il-gallarija u fuq il-bejt tar-residenza tagħha. Il-Kunsill innota dan l-ilment li ser ikun qed jissolva fil-ġejjieni minħabba li l-Kunsill Lokali Il-Munxar ser jipparteċipa fl-inizjattiva tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar din il-problema.

34.8.38 Ilment 29/2021
Jitlob sabiex issir *STOP sign roadmarking* u tabella fi Pjazza Anfori k/m Triq ir-Rabat fix-Xlendi kif ukoll mera tat-traffiku. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

34.8.39 Ilment 30/2021
Titlob sabiex minflok l-għatba li hemm preżentament fuq il-bankina ta' quddiem ir-residenza tagħha fi Pjazza Anfori fix-Xlendi ssir rampa. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

34.8.40 Ilment 31/2021
Jitlob sabiex jitmexxa d-*disabled parking* personalizzat li għandu f'tarf Triq ir-Rankis fix-Xlendi għal quddiem ir-residenza tiegħu fl-istess triq minħabba li l-parkeġġ l-ieħor tad-*disabled* li kien hemm qrib ir-

residenza tiegħu m'għadux jintuża'. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

34.8.41 Ilment 32/2021
Jitlob sabiex isiru *roadmarkings* sofor quddiem il-garaxxijiet tiegħu fi Triq il-Madonna tal-Karmnu fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill sabiex jittieħed parir mingħand Transport Malta.

34.8.42 Ilment 33/2021
Jitlob sabiex jinbena il-ħajt tal-għalqa ta' quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq il-Qsajjem fix-Xlendi biex ma jarmux zibel ġo fiha. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi għand l-Awtorita' tal-Ippjanar.

34.8.43 Ilment 34/2021
Titlob sabiex issir kaxxa safra quddiem il-garaxx tagħhom fi Triq ir-Rankis fix-Xlendi biex ma jipparkjawx quddiemu. Kien hemm qbil sabiex jittieħed parir mingħand Transport Malta dwar dan.

34.8.44 Ilment 35/2021
Jissuġġerixxi sabiex issir mera tat-traffiku fi Triq Ras il-Bajjada k/m Triq tax-Xadba fil-Munxar. Kien hemm qbil dwar dan.

34.8.45 Ilment 36/2021
Jitlob sabiex jinbena ċint matul il-passaġġ tal-konkos fi Triq il-Qsajjem minħabba l-periklu għall-bdiewa. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jittieħed parir mingħand il-Perit.

34.8.46 Ilment 37/2021
Titlob għal aktar infurzar u attenzjoni mill-awtoritajiet fix-Xlendi speċjalment rigward sigurta' u ndafa pubblika. Il-Kunsill ħa nota ta' dan l-ilment u ser jagħmel pressjoni mal-awtoritajiet dwar dan.

34.8.47 Ilment 38/2021
Jitlob sabiex isiru double yellow lines temporanji quddiem daħla tal-garaxxijiet fi Triq il-Ġostra sakemm jiġi komplut sit ta' kostruzzjoni li jinsab faċċata ta' din id-daħla tal-garaxxijiet. Kien hemm qbil dwar dan.

34.8.48 Ilment 39/2021
Jitlob sabiex isiru *bollards* jew *railings* quddiem il-bieb tar-residenza tiegħu minħabba l-periklu u l-ħsara li qed iġarrab anke fuq il-bankina

tiegħu minn vetturi kbar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jittieħed parir mingħand Transport Malta.

34.8.49 Ilment 40/2021
Jitlob sabiex minflok is-*single yellow line* li jinsab quddiem id-*drive in* tiegħu jsiru *roadmarkings* aktar effettivi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jittieħed parir minn Transport Malta.

34.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

34.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 34/2021-8 għall-perjodu bejn l-20 ta' Mejju 2021 u t-23 ta' Ġunju 2021 li tammonta għal €24,107.83 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi s-sekondant.

34.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

34.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 22 ta' Lulju 2021 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 22 ta' Lulju 2021.

D. Spiteri

Damien Spiteri
Sindku

Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv